# K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 8-12

**Data: 30 ta' Lulju** 2012

**Hin:** 5.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier - Skuzat

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 07.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku Norbert Grech.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Rotta l-gdida tal-karozza tal-linja.
Ir-rapporti saru lill-Kumpannija Arriva u qed jigu nvestigati.

2.2. Bus Shelter ta' Misrah Arcisqof Gonzi.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se titnehha l-platform tal-Bus Shelter l-antik fil-gimgha li gejja. Il-Bus Stop ta' fejn triq il-Progress se jerga jibda jiffunzjona u se jgib l-isem it-Trejqa.

2.3. Attivitajiet ghas-Sajf.

L-attivita tal-Breakdance kellha konkorrenza tajba hafna u ngabret somma sabiha mill-organizzaturi b'risq l-Inspire. L-attivita tal-lejla Letterarja mill-Ghaqda Poeti Maltin ser issir il-Gimgha 3 t'Awwissu u ghaliha l-Kunsill se jipprovdi s-siggijiet. L-attivita taz-zfin ssir is-Sibt 4 ta' Awwissu 2012. L-attivita mill-Grupp Virtuosi kienet tajba pero il-Kunsill qabel li s-sena d-diehla din ghandha tidhol fil-programm ghall-Festa Familja Puttinu Cares tas-sena d-diehla u ssir il-Gimgha wara s-sezzjonijiet taz-Zumba.

## 3 **Komunikat mis-Sindku approvazzjoni ta' xogholijiet.**

3.1 Xogholijiet.

3.1a Xogholijiet ta' resurfacing ta' toroq.

Dwar ix-xoghol ta' resurfacing minn TM fi Triq Patri Mattew Sultana is-Sindku kien infurmat li l-Kuntrattur li nghata t-Tender ma ffirmax il-Kuntratt u ghalhekk ghandha terga tohrog is-sejha ghall-offerti. Is-Sindku qal li dwar Triq Santa Liberata u parti minn Triq Santu Rokku u Triq il-Missjoni Taljana, ghandha tissejjah laqgha mar-raprezentanti ta' TM inkarigati mix-xoghol f'dawn it-toroq.

3.1b Xoghol fil-Bajja ta' Rnella.

Bhal ma kulhadd jaf ix-xoghol fil-bajja ta' Rnella ghadu ghaddej u miexi bil-mod wisq, pero il-Kunsill qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex jara li dan ix-xoghol isir kif suppost.

3.1c Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.

Ix-xoghol ghadu ma bediex minhabba li l-Kuntrattur ma jridx jahdem ix-xoghol tal-ilma minhabba li r-rati tal-WSC huma baxxi wisq kumparati max-xoghol li jrid isir, ghalhekk is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet mal-korporazzjoni tas-servizzi tal-ilma u l-kuntratturi sabiex jintlahaq ftehim.

3.1d Xoghol fl-ufficini tal-Kunsill

Ix-xoghol fuq il-garaxx li ha l-Kunsill sabiex jigi estiz l-ufficju tal-Kunsill beda mill-haddiema li ghandu assenjati mieghu il-Kunsill. Ser issir tieqa tal-aluminium bil-hadid bhala protezzjoni li ser tinhadem minn haddiem tal-Kunsill.

3.1e Bighi

Id-deadline tal-clearance tal-postijiet f'Bighi li huwa responsabbli minnhom il-Kunsill hija l-ahhar t'Awwissu. Ghalhekk il-Kunsill qieghed jaghmel il-pressjoni fuq id-Dipartiment ghad-devoluzzjoni tal-garaxxijiet li jkomplu mal-binja tal-Kunsill.

3.1f Xoghol fil-Gnien il-Papa Benedittu

Qed jitranga t-tapit tal-bandli, ser issir bolard sabiex ma jidhlux karozzi fejn l-area tal-bandli.

3.1g Xoghol ta' volontarjat

Is-Sur Joe Mifsud li joqghod fi Triq il-Kapuccini offra lill-Kunsill li jiehu hsieb il-gnien fejn il-Knisja Parrokkjali, u s-Sur Joe Camenzuli li joqghod fi Triq Rinella offra li jiehu hsieb il-pots bil-hamrija tal-Pjazza Sagra Familja. Il-Kunsill irringrazzja lil dawn iz-zewg individwi u heggeg li jkun hemm ohrajn bhalhom li lesti jghinu ghal lokal isbah.

## 4. **Korrispondenza.**

4.1 Il-Kunsill kollu qabel li minhabba diversi lmenti minn residenti dwar is-servizz tal-gbir ta' skart fil-lokal, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' zamma ta' ndafa u ta' manutenzjoni tal-istess skips ghandha tinhareg ittra ta' avviz lill-Kuntrattur inkarigat, peress li ilha tingibed l-attenzjoni

bit-telefon u ma tittiehed l-ebda azzjoni mill-istess Kuntrattur. F'kaz li dan jibqa ma jiehux azzjoni, il-Kunsill ikun kostrett li jiehu passi ohra.

4.2 Ghandha terga tintbghat korrispondenza lill-Istitut Marittimu f'Villa Portelli sabiex tittiehed azzjoni dwar il-grieden li qed johorgu mill-gonna taghhom, kif ukoll dwar il-hajt perikoluz li jghalaq il-binja taghhom, mat-Tarag San Guzepp.

4.3 Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mis-Socjeta Filarmonika Sagra Familja ghall-ghajnuna li l-Kunsill ta fiz-zmien tal-festa tar-rahal.

4.4 Il-Kunsill ircieva ittra minn residenta sabiex torganizza kors tas-sbuhija fil-lokal. Il-Kunsilliera Speranza Chircop qalet li kors tas-sbuhija diga kien ipprogrammat li jsir minnghand residenta ohra ghalhekk gie deciz li jsiru z-zewg korsijiet, wiehed isir is-Sibt u jibda f'Awwissu u l-iehor ikun matul il-gimgha u jibda f'Ottubru.

5. <u>**Gemellagg.**</u>

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istudenti Taljani li gew biex jitghallmu l-Ingliz kellhom programm impenjattiv hafna li l-ispejjes ghalih gew koperti bis-somma li thallset mill-istess studenti dirett fil-kont tal-Kunsill sabiex wara nhargu l-pagamenti kontra dawn l-istess spejjez.

Iz-Zjara tad-delegazzjoni tal-Kunsill fi Crespellano ser tkun mis-26 ta' Settembru sal-1 ta' Ottubru 2012. Arrangamenti dwar it-titjira u l-akkomodazzjoni ghadhom iridu jsiru. Il-Kunsill kollu ser jitla ghal din iz-zjara.

**6. <u>Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti</u>.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 8/12.

**7. <u>Aggornament</u>**

7.1 <u>Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:</u>

7.1a Tindif fil-bajja ta' Rnella – Is-Sindku qal li dan qieghed isir mill-Beach Cleaner.

7.1b Isir bank iehor fil-pjazzetta fi Triq Santu Rokku u jsir iehor fejn ir-red house. Is-Sindku qal li dawn isiru meta jkun il-waqt peress li hemm htiega ta' aktar bankijiet f'postijiet differenti fil-lokal.

7.1c Jergghu jinzebghu ir-roundabout tal-pjazzetta ta' Santu Rokku kif ukoll is-sleeping policemen.

7.1d Jithawwlu fjuri jew pjanti fl-iskorfina fejn sar il-monument mill-Ghaqda Muzikali San

Guzepp. Is-Sindku qal li diga ftiehem mal-Ghaqda sabiex isir dak propost meta tasal il-konsenja tal-fjuri.

7.1e Rega fakkar sabiex jitpoggew pots u fjuri fi Triq Patri Mattew Sultana u Triq il-Missjoni Taljana kif ukoll f'toroq ohra.

7.1f Gibed l-attenzjoni dwar il-pompa l-gdida tad-drenagg li qed tinbena fejn il-Klabb tar-Regatta, qed tithalla miftuha u d-drenagg qed johrog ghal barra t-triq. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga huwa nformat dwar dan u qed jittiehdu l-passi kollha necessarji sabiex titranga s-sitwazzjoni mill-Korporazzjoni responsabbli.

7.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

7.2a Irrimarkat dwar il-hmieg tal-qtates fejn il-Pjazza Sagra Familja.

7.2b L-Iskip ta' Triq is-Sibi mkissra u t-triq mhix nadifa kif suppost. Is-Sindku qal li dwar l-iskip ingibdet l-attenzjoni tal-Kuntrattur u dwar it-tindif ghandu jigi nfurmat il-kuntrattur tal-knis.

7.3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

7.3a Ser isir kors tal-presepji.

7.3b Ser issir Harga ghal-Ghawdex

7.3c Jergghu johorgu l-avvizi ghar-registrazzjonijiet tal-injections tal-influwenza.

Is-Seduta spiccat fit-8.00 ta' filghaxija u aggornata ghat-Tnejn 13 ta' Awwissu fis-6.30 ta' filghaxija.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv